MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 1302/1990/1

**Alfred Schembri għan-nom u in rappreżentanza ta' *Vanguard Billiard Tables Limited***

***Versus***

**Mark Ferrante; u b'dikriet tas-26 ta' Frar 1991 issejjaħ fil-kawża Pierre Grima f'isem is-soċjetà *Med Club Limited*; u b'dikriet tal-20 ta' Ġunju 1991 issejħu fil-kawża Pierre Grima u Mark Grima; u b'dikriet tat-23 ta' Lulju 1991 l-Avukat Pierre Lofaro u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici nħatru kuraturi deputati biex jidhru għall-assenti Alberto Lorenzetti bħala direttur ukoll ta' *Med Club Limited***

F'din il-kawża s-soċjetà attriċi qiegħda titlob il-ħlas ta' penali minħabba ksur ta' pattijiet fi ftehim kummeċjali, u qiegħda titlob ukoll li jintraddu flus imħallsa minnha.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi b'kitba privata tat-22 ta'Marzu 1988 bejn is-soċjetà attriċi u l-konvenut Mark Ferrante, l-attriċi ngħatat il-jedd esklużiv li, għal tliet snin, hi biss tipprovdi

*coin operated equipment* ġewwa l-fond *The Alley*, fi Triq Wilġa, Paceville. Ukoll bis-saħħa ta' dan il-ftehim, l-attriċi kienet għaddiet lill-konvenut is-somma ta' elf u ħames mitt lira (Lm1,500) – daqs tlitt elef, erba' mija u erbgħa u disgħin euro u sitt ċenteżmi (€3,494.06) – sabiex il-konvenut jinqeda biha għall-manutenzjoni tal-apparat. Il-partijiet kienu ftiehmu wkoll illi, jekk il-konvenut jikser il-ftehim matul iż-żmien ta' tliet snin, iħallas lill-attriċi tlitt elef lira (Lm3,000) – daqs sitt elef, disa' mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il ċenteżmu (€6,988.12) – bħala penali.

Fix-xahar ta' qabel ma nfetħet il-kawża[1] l-attriċi sabet illi l-konvenut daħħal fil-lokal u illi qiegħed isir użu minn makni li ma humiex provduti mill-attriċi, u sabet ukoll illi l-makni tagħha tqiegħdu f'post fejn ma huwiex isir użu minnhom.

B'hekk, tgħid l-attriċi, il-konvenut kiser il-ftehim tat-22 ta' Marzu 1990 u għandu jħallas il-penali ta' tlitt elef lira (Lm3,000) u jrodd is-somma ta' elf u ħames mitt lira (Lm1,500). L-attriċi għalhekk fetħet din il-kawża u qiegħda titlob illi l-qorti:

1. tgħid illi l-konvenut kiser il-ftehim tat-22 ta' Marzu 1988;
2. tikkundannah iħallas bħala penali s-somma ta' tlitt elef lira (Lm3,000) – daqs sitt elef, disa' mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il ċenteżmu (€6,988.12); u
3. tikkundannah ukoll irodd lill-attriċi s-somma ta' elf u ħames mitt lira (Lm1,500) – daqs tlitt elef, erba' mija u erbgħa u disgħin euro u sitt ċenteżmi (€3,494.06).

Qiegħda titlob ukoll l-ispejjeż, fosthom dawk ta' mandati kawtelatorji, u l-imgħax.

Il-konvenut Mark Ferrante ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

1. hu kien biss impjegat mas-soċjetà *Med Club Limited*, li kellha f'idejha l-ħanut b'kiri;
2. il-ħlas li sar mill-attur kien ingħata lil dik is-soċjetà;
3. il-konvenut telaq l-impjieg ma' dik is-soċjetà sentejn qabel ma ippreżenta dawn l-eċċezzjonijiet;[2]
4. is-soċjetà attriċi u Pierre Grima għas-soċjetà *Med Club Limited*, wara li spiċċa l-impjieg tal-konvenut,

[1] Il-kawża nfetħet fit-22 ta' Novembru 1990.
[2] In-nota ta' eċċezzjonijiet kienet ippreżentata fid-19 ta' Diċembru 1990.

"irratifikaw l-atti tal-konvenut bin-negozjati li saru bejniethom dwar dawn il-makni";
5. għalhekk "wara li sar il-ftehim dan ġie ratifikat" kemm minn *Med Club Limited* u kemm mill-attriċi, li saret taf "*circa* sentejn ilu" illi l-konvenut kien *manager* u mhux inkwilin tal-ħanut;
6. għalhekk, jekk għandhom jitħallsu xi flus, għandhom jitħallsu minn *Med Club Limited*;
7. fid-dawl ta' dan kollu, u għal dak li jgħid u jrid l-art. 62(2) tal-Kodiċi tal-Kummerċ, għandu jissejjaħ fil-kawża Pierre Grima f'isem *Med Club Limited*.

B'dikriet tas-26 ta' Frar 1991 issejħet fil-kawża s-soċjetà *Med Club Limited* iżda b'dikriet ieħor tas-26 ta' Frar 2008 din is-soċjetà nħelset mill-ħarsien tal-ġudizzju.

B'dikriet ieħor tal-20 ta' Ġunju 1991 issejjħu fil-kawża Pierre Grima u Mark Grima. Mark Grima ressaq l-eċċezzjoni illi hu qatt ma kellu relazzjoni ġuridika mas-soċjetà attriċi għax qatt ma mexxa l-lokal imsemmi fiċ-ċitazzjoni u ma għandu x'jaqsam xejn miegħu. Pierre Grima ma ressaqx eċċezzjonijiet u baqa' kontumaċi.

B'dikriet tad-29 t'Ottubru 1992 inħatar perit legali iżda dan baqa' ma irrelata qatt.

Il-fatti relevanti seħħew hekk:

Fit-22 ta' Marzu 1988 sar ftehim b'kitba privata bejn is-soċjetà attriċi u l-konvenut Mark Ferrante. Għandu jingħad mill-bidunett illi Mark Ferrante deher fuq dan il-ftehim f'ismu stess, bla ebda indikazzjoni li kien qiegħed jidher f'isem xi soċjetà kif igħid fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu. Għalhekk, kif igħid u jrid l-art. 62(2) tal-Kodiċi tal-Kummerċ, imsemmi mill-konvenut stess fis-seba' eċċezzjoni, il-konvenut rabat lilu nnifsu:

**62.** (1) L-institur għandu dejjem jimxi f'isem il-prinċipal, u meta jiffirma għandu jniżżel, flimkien ma' ismu u kunjomu, l-isem u l-kunjom jew id-ditta tal-prinċipal, biż-żieda tal-kelmiet "bi prokura" jew oħrajn li jfissru hekk.

(2) Fin-nuqqas ta' din id-dikjarazzjoni, l-institur jobbliga ruħu persunalment; iżda f'dak il-każ, it-terzi jistgħu jeżerċitaw, ukoll kontra l-prinċipal, l-azzjonijiet li jitnisslu minn dawk l-atti ta' l-institur li jagħmlu ma' l-eżerċizzju tal-kummerċ u li huma meħtieġa għall-eżerċizzju tal-kummerċ, li minnu jkun inkarigat.

Għalhekk dawk l-eċċezzjonijiet li bihom il-konvenut irid jeħles mir-responsabbiltà billi jitfagħha fuq ħaddieħor huma fiergħa u huma minn issa miċħuda.

Fost il-pattijiet tal-ftehim hemm dak li jagħti lis-soċjetà attriċi għal tliet snin "*exclusive rights to supply coin operated equipment in the "The Alley" Wilga Street, Saint Julians, on lease to Mr Mark Ferrante … … …*", b'dan illi s-soċjetà attriċi "*will impose a fine of Lm3,000.00 if there will be a breach by Mr Mark Ferrante of this agreement in the period of the three years*". Bis-saħħa tal-ftehim is-soċjetà attriċi ħallset lill-konvenut elf u ħames mitt lira (Lm1,500) "*as maintenance to be utilised in the proper upkeep of the equipment*".

Wara xi żmien il-konvenut ma baqax imexxi *The Alley* u telqu f'idejn Pierre Grima, li ssejjaħ fil-kawża b'dikriet tal-20 ta' Ġunju 1991. Il-makni ħalliehom fil-post. Grima, iżda, warrabhom u beda jdaħħal makni ta' ħaddieħor. Għalkemm milli jidher Ferrante kien għadda lil Pierre Grima l-flus li kienet tatu l-attriċi, Grima ma riedx li jaħdem bil-makni tal-attriċi u talab lill-attriċi biex teħodhom.

L-obbligazzjoni tal-konvenut Ferrante kienet li, għal tliet snin, ma jħallix li jidħlu *coin operated machines* ta' ħaddieħor f'*The Alley*. Il-fatt li telaq il-ħanut, u hekk qiegħed lilu nnifsu f'pożizzjoni li ma setax jara li titwettaq dik l-obbligazzjoni, ma jeħilsux mir-rabta. Hekk kif iddaħħlu makni ta' ħaddieħor – irrispettivament jekk hux mill-konvenut stess jew minn terzi – il-konvenut Ferrante naqas milli jwettaq l-obbligazzjoni tiegħu u għalhekk għandu jħallas il-penali kif igħid u jrid il-ftehim li iffirma.

Il-konvenut Ferrante wkoll ma ressaq ebda prova illi l-elf u ħames mitt lira li ngħatawlu "*as maintenance to be utilised in the proper upkeep of the equipment*" fil-fatt inqeda bihom għal dak il-għan. Anzi, jidher li ma għamel xejn minn dan għax il-flus għaddiehom lil Pierre Grima li l-makni ma ridhomx u ma nqediex bihom, u wisq anqas għandna nifhmu li nefqilhom xi flus fuq manutenzjoni.

Ma hemm ebda raġuni għalhekk għala l-konvenut Ferrante ma għandux irodd il-flus, ladarba ma nqediex bihom għall-għan li għalih ingħatawlu.

Fid-dawl ta' dan kollu, il-qorti ma tarax li jista' jkun hemm xi dubju serju dwar ir-responsabbiltà tal-konvenut Ferrante. L-eċċezzjonijiet tiegħu huma għalhekk miċħuda

u t-talbiet tal-attriċi, safejn magħmula kontrieh, sejrin jintlaqgħu.

Tifdal il-kwistjoni jekk il-konvenut Ferrante rabatx ukoll lill-imsejħa fil-kawża kif igħid l-art. 62(2) tal-Kodiċi tal-Kummerċ.

Jekk tassew il-konvenut kien institur, kien institur mhux ta' Pierre Grima jew ta' Mark Grima iżda, kif xehed hu stess fit-30 t'Ottubru 2007, kien "impjegat mal-kumpannija ta' Pierre Grima"[3]. Din il-kumpannija kien jisimha *Steel & Co Limited*[4]. Għalhekk il-konvenut Ferrante seta' *se mai* jorbot ukoll (flimkien miegħu nnifsu) lil din is-soċjetà ta' Grima, iżda mhux ukoll lil Grima *proprio*. Billi iżda s-soċjetà ma hijiex parti fil-kawża la huwa meħtieġ u lanqas jista' jkun illi f'din il-kawża naraw jekk hijiex marbuta flimkien mal-konvenut Grima.

Il-qorti għalhekk taqta' l-kawża billi tiċħad it-talbiet tas-soċjetà attriċi safejn magħmula kontra Pierre Grima u Mark Grima u tilqagħhom safejn magħmula kontra l-konvenut Mark Ferrante: tikkundanna lill-konvenut Ferrante jħallas li-soċjetà attriċi bħala penali s-somma ta' sitt elef, disa' mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il ċenteżmu (€6,988.12), u tikkundannah ukoll irodd lill-attriċi s-somma ta' tlitt elef, erba' mija u erbgħa u disgħin euro u sitt ċenteżmi (€3,494.06), f'kull każ bl-imgħaxijiet kummerċjali mitluba fiċ-ċitazzjoni. Tikkundanna lill-konvenut Ferrante jħallas ukoll l-ispejjeż kollha tal-kawża, ukoll dawk tal-imsejħa fil-kawża.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[3] *Fol*. 133.
[4] *Fol*. 179.